KUNSILL REĠJONALI LVANT

---

MINUTI

Laqgħa tar-Reġjun Numru 19

# L-EWWEL LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 19

It-Tnejn 22 ta' April, 2023

Il-Kunsill Reġjonali Lvant ltaqa' ġewwa The Notch Conference Centre, Urban Valley Resort and Spa, San Gwann, fil-5:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Anthony Chircop – President
Is-Sur Maximillian Zammit – Viċi President u Sindku Ta' Xbiex
Is-Sa Joanne Debono Grech –Sindku Birkirkara
Is-Sa. Helen Gauci – Sindku Għargħur
Is-Sa. Yvonne Bartolo – Viċi Sindku Iklin
Is-Sa Zoya Attard –Sindku Pieta'
Is-Sa Maryanne Abela – Viċi Sindku Swieqi
Is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai –Sindku l-Imsida
Is-Sur Omar Elaref Arab – Viċi Sindku Pembroke
Dott. Conrad Borg Manchè – Sindku Gżira
Is-Sur Anthony Dalli – Sindku Ħal Lija
Is-Sur Clayton Luke Mula – Viċi Sindku San Ġiljan
Is-Sur John Pillow – Sindku tas-Sliema

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ħadd

### ASSENTI

Ħadd

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Il-President, is-Sur Anthony Chircop, qal talba u presjeda l-laqgħa.

## 19.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

19.1.1 Il-President, is-Sur Anthony Chircop, informa lill-membri li dan ir-Reġjun ma kien irċieva l-ebda ittra ta' apoloġija mingħand il-membri.

## 19.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

19.2.1 Il-Minuti tas-Seduta numru 18 li nżammet nhar it-Tnejn 20 ta' Marzu 2023 kienu meħuda bħala moqrija.

19.2.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tas- Sindku tal-Għargħur, is-Sa Helen Gauci, sekondata mis-Sindku ta' l-Imsida, is-Sa Margaret Baldacchino Cefai.

## 19.3 Komunikazzjoni mill-President

19.3.1 Il-President, Anthony Chircop, informa lill-membri dwar laqgħa li kienet ġiet organiżżata mir-Reġjun dwar *Active Travel* nhar it-Tnejn 27 ta' Marzu 2023 ġewwa The Imperial.

19.3.2 Hu spjega kemm kienet laqgħa interessanti u mmexija mill-Profs. Attard għal Sindki, Kunsilliera u Segretarji Eżekuttivi fi ħdan ir-Reġjun.

19.3.3 Il-President informa lill-membri kif is-Segretarju Parlamentari għal Gvern Lokali, l-Onor. Alison Zerafa Cefai ser tkun qed iżżur l-istaff fl-uffiċċju amministrattiv nhar il-Ħamis 27 ta' April 2023.

19.3.4 *17:54pm – il-Viċi Sindku tas-Swieqi, is-Sa Maryanne Abela, waslet għal din il-laqgħa.*

## 19.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet mill-Membri

19.4.1 Il-President informa lill-membri kif għal il-laqgħa ma kien hemm l-ebda mistoqsija ppreżentata lir-Reġjun.

19.4.2 Peress li l-accountant tar-Reġjun ma kinitx għadha waslet għal din il-laqgħa, il-President talab ippropona sabiex jipproċedu mal-kumplament ta' l-Aġenda sakemm tasal is-Sa Romina Perici Ferrante.

19.4.3 Peress li kien hemm qbil għal dan mill-membri preżenti, is-Sur Chircop ipproċeda fuq item numru 19.6

## 19.6 Postijiet Vakanti fir-Reġjun

- *Aġġornament fuq il-pożizzjoni ta' Clerk mal-Kunsill Reġjonali Lvant*

19.6.1 Il-President, Anthony Chircop, informa lill-membri preżenti kif il-persuna magħżula aċċettat din il-pożizzjoni u bdiet l-impjieg tagħha minn nhar l-Erbgħa 22 ta' Marzu 2023.

- *Uffiċjali Reġjonali*

19.6.2 B'referenza għas-sejħa taż-żewġ maniġers – Maniġer Amministrattiv fuq Fondi Ewropej/Lokali u Uffiċjal Reġjonali ta' l-IT - il-President spejga kif din kienet ġiet ippublikata esternament nhar il-Ġimgħa 24 ta' Marzu 2023.

19.6.3 Is-Sur Chircop spjega kif sad-data ta' l-għeluq dan ir-Reġjun kien irċieva 4 applikazzjonijiet li huma eleġibbli u għal din ir-raġuni l-bord ser ikun qed jiltaqa l-ġimgħa d-dieħla. Rigward il-vakanza ta' IT, ma kien hemm l-ebda applikazzjoni u għal din ir-raġuni ser tkun qed terġa tinħareġ din is-sejħa.

19.6.4 B'referenza għas-sejħa għal Uffiċjal tal-Kultura, is-Sur Chircop spjega kif din kienet inħarġet b'mod intern nhar l-Erbgħa 12 t'April 2023 u applikazzjonijiet għandhom jaslu sa' mhux aktar tard minn nhar l-Erbgħa 26 t'April 2023.

19.6.5 Hu żied jgħid kif jekk ma jkun hemm l-ebda applikazzjoni, is-Segretarju Eżekuttiv ser tkun qed tinforma lid-Diviżjoni u lill-Jobsplus sabiex il-proċess jitkompla.

- *Uffiċjal Eżekuttiv (Skala 13) fuq bażi Full Time mar-Reġjun Lvant*

19.6.6 Il-President spjega kif b'referenza għal din il-pożizzjoni, peress li kien hemm żewġ applikanti, il-bord kompost mill-President flimkien mas-Sur Anthony Dalli u s-Sur John Pillow għamlu l-intervista ma applikant wieħed peress li l-ieħor waqqa l-applikazzjoni tiegħu nhar l-Erbgħa 29 ta' Marzu 2023. Il-persuna magħżula qed tiġi rrakomandata mill-board għall-approvazzjoni.

19.6.7 Il-membri preżenti approvaw din ir-rakomandazzjoni b'mod unanimu.

  - *Accounts Officer (Scale 11 – Full Time)*

19.6.8 B'referenza għal din is-sejħa l-President spjega kif din kellha tibda mill-bidu nett peress li ma kienx hemm persuni bil-kwalifikazzjonijiet meħtieġa. Għal din ir-raġuni s-Sur Chircop qal kif din ġiet ippublikata nhar il-Ħamis 23 ta' Marzu 2023 u applikazzjonijiet kellhom jaslu sat-Tnejn 10 ta' April 2023.

19.6.9 Is-Sur Chircop qal ukoll kif b'kollox dan ir-Reġjun kien irċieva żewġ applikazzjonijiet, u għal din ir-raġuni nżammu l-intervisti nhar il-Ħamis 20 ta' April 2023 mill-bord kompost minnu bħala President flimkien mas-Sur John Pillow u s-Sur Conrad Borg Manche.

19.6.10 Għal din l-intervista attendiet persuna waħda peress li l-applikazzjoni l-oħra waqgħet. Il-bord irrakomanda li tiġi magħżula din il-persuna u għal din ir-raġuni ser tkun qed tiġi nfurmata sabiex naraw jekk taċċettax din il-pożizzjoni.

19.6.11 Is-Sur Chircop informa lill-membri kif peress li l-applikanta fil-preżent taħdem ma' Kunsill Lokali fi ħdan ir-Reġjun, talab lill-membri sabiex l-isem ma jiġix imsemmi għalissa qabel ma l-applikanta taċċetta din il-pożizzjoni.

19.6.11 Il-membri preżenti approvaw din ir-rakkomandazzjoni b'mod unanimu.

## 19.7 Reġjun tal-Kultura 2024

19.7.1 Il-President spjega kif wara l-laqgħa li kienet inżammet mas-Sa. Mary-Ann Cauchi, mill-Arts Council Malta, nhar l-Erbgħa 8 ta' Marzu 2023, is-Segretarju Eżekuttiv irċieviet dokument bl-informazzjoni ta' kif għandha tkun maħruġa l-Espressjoni ta' Interess sabiex jiġi magħżul Direttur Artistiku.

19.7.2 Is-Sur Chircop ressaq fuq il-mejda kopja ta' dan id-dokument għall-approvazzjoni tal-membri. Liema dokumenti kien diġa mibgħut lill-membri qabel din il-laqgħa sabiex ikollhom iċ-ċans li jarawh bil-kwiet.

19.7.3 Il-memrbi preżenti approvaw dan id-dokument u kien hemm diskussjoni dwar kif għandu jkun kompost il-bord ta' l-għażla.

19.7.4 Il-membri preżenti approvaw sabiex il-bord ikun kompost mill-President flimkien ma' rappreżentant minn Arts Council Malta, lill-Kunsillier tas-Swieqi, is-Sur Paul Fenech, fejn ser ikun qed jirrappreżenta lill-Kunsill, u rappreżentant artistiku bħas-Sur Toni Attard, kif ukoll lil Dott. Valerie Visanich.

## 19.8 Items oħra ta' Xogħol ieħor tar-Regjun li jkunu meħtiega

- *Servizz ta' Koordinatur*

19.8.1 Il-President ressaq fuq il-mejda erbgħa kwotazzjonijiet sabiex ikun hemm dan is-servizz matul l-avvenimenti relatati mar-Reġjun Ewropew tal-Isport 2023.

19.8.2 Is-Sur Chircop spjega kif matul il-ħames xhur li għaddew dan is-servizz kien qed jingħata mis-Sur Michael Fenech Adami u kif dan is-servizz qed jintalab sabiex jitkompla jsir fil-ħames xhur li ġejjin.

19.8.3 Wara diskussjoni qasira bejn il-membri preżenti l-orħos kwotazzjoni provduta minn Bubbles Animation and Entertainment Ltd. ġiet approva b'mod unanimu.

- *Talba – BMX Malta*

19.8.4 Il-President, is-Sur Anthony Chircop, informa lill-membri preżenti dwar laqgħa li hu kellu mas-Sur John Zammit, mill-BMX, dwar l-avveniment li kien inżamm nhar is-7, 8 u 9 ta' April 2023, u fejn waħda minn dawn l-avvenimenti nżammet ġewwa Pembroke.

19.8.5 Is-Sur Chircop żied jgħid ukoll kif qabel ma kienet inżammet din il-laqgħa s-Sur Zammit kien talab għajnuna finanzjarja mingħand ir-Reġjun peress li parti minn l-avveniment kienet ser tinżamm f'wieħed mill-lokalitaijiet fi ħdan ir-Reġjun. Madanakollu, bi żvista, ma kienx reġgħet saret komunikazzjoni u dan l-avveniment kien inkluda t-titlu ta' Reġjun Ewropew għall-isports f'kull ħaġa li kienet saret.

19.8.6 Wara diskussjoni qasira bejn il-membri preżenti kien hemm qbil unanimu sabiex il-kwotazzjoni ppreżentata mis-Sur Zammit tiġi mħalsa s-somma ta' €899.16 peress li kien hemm promozzjoni sħieħa f'dan l-avveniment.

19.8.7 Il-President talab sabiex l-aġenda tiġi sospiża u tiġi msejħa l-Accountant tar-Reġjun, is-Sa Romina Perici Ferrante, fil-kamra sabiex tkun tistà tippreżenta r-rapporti finanzjarji.

## 19.5 Rapporti

19.5.1 Is-Sa Perici Ferranta ppreżentat l-*Audited Financial Statements* kif ukoll ir-rapport finanzjarju ta' l-ewwel kwart tas-sena 2023.

19.5.2 Wara deskrizzjoni dettaljata ta' dawn iż-żewġ finanzjarji u peress li ma kien hemm l-ebda mistoqsija messqa mingħand il-membri preżenti, dawn ir-rapporti ġew approvati b'mod unanimu.

19.5.3 Il-President irringrazzja lis-Sa Perici Ferrante talli kienet preżenti u tat din l-ispjegazzjoni dettaljata u talab lill-membri sabiex titkompla l-laqgħa skond l-aġenda.

## 19.8 Items oħra ta' Xogħol ieħor tar-Regjun li jkunu meħtiega *(kontinwazzjoni)*

- ***Uniformi***

19.8.8 Il-President informa lill-membri kif id-Deputat Reġistratur, is-Sa Christine Amaira, kien għaddiela ż-żmien ta' prova u għal din ir-raġuni ġiet ordnata l-uniformi għaliha.

19.8.9 Is-Sur Chircop qal kif l-ispiża ta' din l-uniformi hija ta' €369.93.

19.8.10 Il-membri preżenti approvaw din l-ispiża.

- ***Kunsill Lokali ta' Pembroke***

19.8.11 Il-President ressaq fuq il-mejda talba li dan ir-Reġjun kien irċieva permezz ta' emejl nhar il-Ġimgħa 24 ta' Marzu 2023, sabiex l-attività sportiva li kienet ser tinżamm nhar il-Ġimgħa 31 ta' Marzu 2023 flimkien ma Pembroke Athletics jkun jistà jitħallas s-servizz ta' ambulanza (€221.84), servizz tat-tabib (€150.00) u kiri ta' *mobile toilets* (€125.00).

19.8.12 Is-Sur Chircop spjega kif peress li dan l-avveniment kien inżamm qabel id-data tal-laqgħa tar-Reġjun, il-Kunsill ingħata l-approvazzjoni pero qed tiġi mressqa wkoll f'din il-laqgħa sabiex tkun ingħatat approvazzjoni uffiċjali waqt din il-laqgħa.

19.8.13 Il-membri preżenti approvaw din it-talba b'mod unanimu.

19.8.14 Il-President ressaq talba oħra f'isem dan il-Kunsill li hu kien irċieva nhar l-Erbgħa 5 t'April 2023. F'din it-talba dan il-Kunsill talab sabiex parti mill-fondi allokati ma' dan il-Kunsill jintużaw fl-avveniment tal-GSSE2023 li ser tinżamm nhar is-Sibt 15 t'April 2023.

19.8.15 Is-Sur Chircop spjega kif dawn il-fondi kienu ser jintużaw sabiex ikun jistà jiġi mħallas is-servizz tal-gwardjani lokali kif ukoll bouncing castle għat-tfal

- ***Kunsill Lokali ta' Ħal Lija***

19.8.16 Il-President ressaq fuq il-mejda talba li dan ir-Reġjun kien irċieva mingħand dan il-Kunsill sabiex mill-fondi ta' Proġetti Kultura, Sports, Mużika, Jum il-Lokal, Baned ta' €3,000.00 jkun jistà jgħamel użu ta' €500.00 biex jingħataw lill-klabb tat-tennis ġewwa Ħal Lija biex isir xogħol ta' manutenzjoni.

19.8.17 Dan ir-Reġjun irċieva talba oħra minn dan il-Kunsill sabiex mill-fondi ta' Proġetti ta' Titjieb fil-Lokalita' jkun jistà jgħamel użu ta' €5,000.00 biex isiru xi sinjali u tabelli ta' traffiku kif ukoll xi *traffic calmers* ġewwa r-raħal.

19.8.18 Dawn iż-żewġ talbiet ġew approvati b'mod unanimu mill-membri preżenti.

- *Kunsill Lokali ta' l-Iklin*

19.8.19 Il-President ressaq fuq il-mejda talba mingħand dan il-Kunsill sabiex mill-fondi allokati jkun jistà jinżamm kunċert fl-apert fi Triq San Mikiel nhar is-Sibt 22 ta' Mejju 2023 fejn ser jintużaw l-ammont ta' €13,000.

19.8.20 Il-membri preżenti approvaw din it-talba b'mod unanimu.

- *Kunsill Lokali tal-Għargħur*

19.8.21 IL-President ressaq talba li dan ir-Reġjun kien irċieva mingħand dan il-Kunsill sabiex parti mill-fondi jintużaw sabiex nhar is-Sibt 20 ta' Mejju 2023 jkun jistà jittella *Boxing Tournament* ġewwa l-Għargħur.

19.8.22 Is-Segretarju Eżekuttiv żdiedet tgħid kif ma' din it-talba dan il-Kunsill xtaqt jitlob sabiex parti mill-fondi marbuta ma skema ta' titjib fil-lokalità tiġi wżata s-somma ta' €5,027.56 għal ħlas ta' professjonisiti u l-ammont ta' €487.93 jintużaw għal xogħol ta' konkrit li jrid isir.

19.8.23 Is-Sa Galea żiedet tgħid ukoll kif mill-fondi marbuta ma' proġett kulturali, dan il-Kunsill ser ikun qed juża l-ammont ta' €1,831 sabiex ikun jistà avveniment relatat mal-karnival kif ukoll ma Jum il-Għargħur.

19.8.24 Il-membri preżenti approvaw dawn it-talba mressqa mingħand dan il-Kunsill b'mod unanimu.

- *Kunsill Lokali ta' Ta Xbiex*

19.8.25 Dan ir-Reġjun qed iressaq komunikazzjoni mingħand dan il-Kunsill sabiex jiġu rifonduta l-ispejjeż marbuta mal-biljetti ta' l-ajru sabiex il-plejers maltin tal-futsal ikunu jistgħu jikkomeptu barra minn Malta. Is-Sur Chircop spjega kif dan il-Kunsill kien qed jitlob sabiex dawn il-fondi jittieħdu minn dawk il-fondi li ma kienux ġew użati minn Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun matul is-sena 2022.

19.8.26 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif din it-talba kienet ġiet imressqa fil-laqgħa tal-Kunsill Reġjonali Lvant li nżammet fi Frar 2023, ġiet approvata pero, bi żvista, din qatt ma ġiet miktuba fil-minuti.

19.8.27 Is-Sra Galea infurmat li waqt din il-laqgħa, din it-talba kienet ġiet approvata mill-laqgħa ta' Frar 2023 pero riedet tinforma lill-membri sabiex ikunu nfurmati li din kienet qed titqajjem sabiex din l-ispjegazzjoni kollha tkun bil-miktub f'dawn il-minuti.

19.8.28 IL-President għamilha ċara sabiex din il-prassi ma terġax tinżamm u kif kull Kunsill Lokali għandu jimxi mar-regolamenti li hemm stabilita sabiex Kunsill Lokali jiġi rifondut lura l-fondi.

19.8.29 *18:15pm - Is-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit, wasal għal din il-laqgħa.*

- *LESA*

19.8.30 Il-President ressaq fuq il-mejda komunikazzjoni li dan ir-Reġjun kien irċieva mingħand din l-Aġenzija sabiex titlob lir-Reġjun iġedded il-kuntratt li kien hemm iffirmat fit-18 ta' Ottubru 2021 u jkun imġedded għall-ispejjeż li saru matul is-sena 2022.

19.8.31 Wara li s-Segretarju Eżekuttiv tat spjegazzjoni dettaljata dwar dan, il-membri preżenti approvaw li l-kuntratt jkun imġedded għas-sena 2022 sabiex l-ispejjeż relatati ma' l-uffiċċju tat-Tribunal Lokali jiġu rifonduti lura lir-Reġjun b'mod immedjat.

19.8.32 Is-Sindku ta' tas-Sliema, is-Sur John Pillow, staqsa jekk ir-Reġjun kienx irċieva talba dwar kif ser jgħamel użu mill-fondi f'isem il-Kunsill Lokali tas-Sliema.

19.8.33 Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat li ma kellha l-ebda talba oħra mressqa ħlief dawk li kienu għadhom kif ġew imressqa f'din il-laqgħa.

- *Cir AKL 2023/26 – European Cities Against Drugs – Mayors' Stakeholders Conference & Welcome Dinner*

19.8.34 B'Referenza għal din iċ-Ċirkulari li dan ir-Reġjun kien irċieva mingħand l-AKL, il-President ħeġġeġ lill-membri preżenti sabiex jaraw li kull Kunsill Lokali fi ħdan ir-Reġjun ikun rappreżentat fil-konferenza li din is-sena kienet qed tinżamm ġewwa Malta nhar il-Ħamis 11 ta' Mejju 2023 kif ukoll *study visit* li kellha tinżamm l-għada ta' din il-konferenza.

19.8.35 Is-Sur Chircop fakkar lill-membri kif dan ir-Reġjun kien l-uniku Reġjun li ħallas l-isħubija ma' ECAD kemm tar-Reġjun kif ukoll għall-Kunsilli Lokali fi ħdan.

19.8.36 Is-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit, żied jgħid kif hu kien tkellem mal-President ta' l-AKL, is-Sur Mario Fava, dwar din is-sħubija u kif waħda mill-oportunijiet li kien ikun hemm kien li jkun hemm viżti ġewwa Rimini. Hu żied jgħid kif ħafna Kunsilliera kemm-il darba staqsewh sabiex imorru

19.8.37 Is-Sur Max Zammit spjega kif is-Sur Fava qallu li r-Reġjun jista jibgħat delegazzjoni u kull Kunsill Lokali għandu jieħu ħsieb iħallas l-ispejjeż rispettiv

19.8.38 Il-President qal kif wieħed irid jara eżatt x'għandu jsir qabel ma tistà tiġi meħuda deċizjoni.

19.8.39 Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lis-Sur Zammit ma' min għandha titkellem sabiex iġġib aktar informazzjoni dwar dan.

19.8.40 Is-Sur Zammit informa li wieħed għandu jġib aktar informazzjoni mingħand is-Sur Mario Fava.

19.8.41 Il-President qal li l-uffiċċju ser ikun qed jiġi l-informazzjoni meħtieġa pero din id-deċiżjoni m'għandiex tittieħed b'mod mgħaġġel qabel ma jkun hemm l-informazzjoni sħieħa.

- *Proġett – 'Have a Ball'*

19.8.42 B'referenza għal dan il-proġett, il-President informa lill-membri preżenti kif wara l-laqgħa li kienet inżammet nhar l-Erbgħa 22 ta' Marzu 2023 mat-tliet konsulenti tal-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Sport, Żgħażagħ, Riċerka u Innovazzjoni, dan ir-Reġjun irċieva komunikazzjoni nhar it-Tlieta 11 ta' April 2023 fejn it-talba ġiet milquha u l-Ministeru ser ikun qed jgħati fond ta' €10,000 sabiex dan ix-show, 'Have a Ball', ikun jista jsir.

19.8.43 Is-Sur Chircop spejga kif diġa bdew il-preparament meħtieġa sabiex dan ix-xow ikun jistà jsir fl-iskola sajf fi ħdan ir-Reġjun u wara ddur l-iskejjel fi ħdan ir-Reġjun sa tmiem din is-sena.

19.8.44 Marbuta mal-punt preċedenti, qed jiġi propost sabiex jiġi ppublikat ktejjeb ta' daqs A5 fejn fih ser ikun hemm id-dettalji ta' kull ghaqda sportiva li teżisti fir-Reġjun kif ukoll informazzjoni dwar it-titlu u r-Reġjun. Dan il-ktejjeb ser ikun qed jigi mqassam lill-istudenti wara li tkun inżammet l-attività 'Have a Ball'.

- *Kuntratt tad-Dwal tat-Toroq*

19.8.45 Hekk kif kien maqbul fl-aħħar laqgħa tar-Reġjun, il-President informa lill-membri kif is-Segretarju Eżekuttiv kienet talbet l-informazzjoni meħtieġa minn kull Kunsill Lokali fi ħdan ir-Reġjun sabiex il-membri preżenti jkunu jistgħu jieħdu deċiżjoni dwar jekk is-sejħa ta' l-offerti għad-dwal fit-toroq għandhiex tkun maħruġa mir-Reġjun.

19.8.46 Il-President għamilha ċara kif jekk din is-sejħa ser tkun qed tinħareġ mir-Reġjun, l-amministrazzjoni ser tkun qed issir mill-Kunsill Lokali rispettiv li jkun daħal għal din is-sejħa.

19.8.47 Wara diskussjoni fid-dettal dwar dan is-suġġett kien hemm qbil mill-membri preżenti sabiex is-Segretarju Eżekuttiv terġa tistaqsi lill-Kunsilli Lokali domanda waħda – jekk bħala Kunsill Lokali humiex ser ikunu qed jissieħbu sabiex tinħareġ sejħa waħda f'isem il-Kunsilli Lokali li għandhom interess.

- *Valutazzjoni tal-Impatt Soċjali*

19.8.48 B'referenza għal dan l-istudju, il-President informa lill-membri kif nhar it-Tnejn 17 ta' April 2023, hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, Jeanette Galea, kienu ltaqgħu ma' Profs. Andrew Azzopardi mill-Fakulta tas-Social Wellbeing u ġie diskuss il-kuntratt li kien ġie ppreżentat sabiex jsir l-istudju.

19.8.49 Is-Sur Chircop informa lill-membri kif dan il-kuntratt kien ġie ċċirkulat lill-membri qabel il-laqgħa tar-Reġjun sabiex jiġi diskuss f'din il-laqgħa għall-approvazzjoni tagħkom. Hu żied jgħid kif ir-Reġjuni l-oħra (minbarra Għawdex) ser ikunu qed jgħamlu dan l-istudju bl-istess mod.

19.8.50 Il-membri preżenti approvaw d-dokumenti mressqa b'mod unanimu.

- *Kalendarji ta' bl-iskeda l-iskart għas-sena 2024*

19.8.51 B'referenza għal dan il-President staqsa lill-membri preżenti jekk il-kalendarju Reġjonali u *flyers* għandhomx jerġgħu jiġu ppreparati sabiex ikun jistà jiġi ċċirkulat mill-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun.

19.8.52 Wara diskussjoni li nżammet bejn il-membri preżenti dwar dan, kien hemm qbil bejn il-membri preżenti sabiex ir-Reġjun jieħu ħsieb jipprepara d-diżinn u jiġi mgħoddi lill-Kunsilli Lokali sabiex il-Kunsill Lokali jieħu ħsieb li dan jiġi pprintjat u ċċirkulat lir-residenti fil-lokalità rispettiva.

- *Proġett - 'Starter Pack'*

19.8.53 Il-President fakkar lill-membri fuq dan il-proġett li kien inżamm fil-bidu tas-sena skolastika u talab l-approvazzjoni tal-membri preżenti sabiexn dan il-proġett jerġa jinżamm fil-bidu tas-sena skolastika li jmiss.

19.8.54 Wara diskussjoni bejn il-membri preżenti kien hemm qbil sabiex dan il-proġett jerġa jsir peress li kien ta' benefiċċju kbir għall-istudenti kemm fl-għarfien dwar il-prodotti li wieħed għandu jixtri lill-istudenti kif ukoll għarfien aħjar fuq il-fuzjoni tal-Kunsill Reġjonali kif ukoll tal-Kunsilli Lokali.

19.8.55 Madanakollu kien hemm qbil ukoll sabiex ikun hemm bdil żgħir fil-proġett sabiex ikun hemm xi ħaġa differenti meta dan ikun qed jiġi ppreżentat fl-istess skejjel avolja l-istudenti ma jkunux l-istess.

19.8.56 Aktar informazzjoni dwar dan għandu jiġi ppreżentat u deċiż fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss.

19.8.57 *18:55pm – is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli, skuża ruħu mill-laqgħa minħabba impenji oħra.*

- *Kick Scooters*

19.8.58 Il-President għamel referenza għall-laqgħa li kienet inżammet mal-Brigadier Curmi flimkien flimkien mas-Sur Michael Cohen u s-Sur Pierre Montebello nhar it-Tlieta 25 ta' Ottubru 2022.

19.8.60 Minħabba li ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni dwar dak li kien ġie mressaq mill-Kunsill Lokali u peress li l-problemi b'dawn l-iscooters għadha listess, is-Segretarju Eżekuttuv bagħtet talba bil-miktub dwar l-eżitu ta' din il-laqgħa.

19.8.61 Is-Sur Chircop spjega lill-membri li għalhekk s'issa ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni lura, aġġornament dwar dan ser jingħata lill-membri fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss.

19.6.62 Is-Sindku tal-Għargħur, is-Sa Helen Gauci, skużat ruħha mill-laqgħa minħabba impenji oħra.

- *Laqgħa Annwali Ġenerali 2023*

19.6.63 Il-President informa lill-membri preżenti kif din il-laqgħa ser tkun qed tinżamm nhar is-Sibt 3 ta' Gunju 2023.

19.6.64 Hu żied jgħid kif wara diskussjoni li nżammet mas-Segretarju Eżekuttiv, kien qed jiġi propost li l-aġenda tkun differenti minn kif kienet qed tinżamm fis-snin preċedenti u li wara li jkun hemm preżentazzjoni tar-rapport amministrattiv mis-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun u preżentazzjoni tas-sitwazzjoni finanzjarja mill-Accountant tar-Reġjun, ikun hemm diskussjonijiet fuq żewġ suġġetti.

19.6.65 Is-Sur Chircop talab lill-membri jekk għandhomx xi suġġerimenti ta' suġġetti x'jistgħu jiġu diskussa waqt din il-laqgħa.

19.6.66 Is-Sindku tal-Gżira, Dott. Conrad Borg Manche, ippropona sabiex wieħed mis-suġġetti jkun bit-titlu ta' *Livable Cities,* fejn fih jistgħu jiġu diskussa diversi oqsma.

- *Ġbir ta' Skart Domestiku*

19.6.66 B'referenza għal dan, il-President ressaq fuq il-mejda kwotazzjoni mressqa f'isem il-kuntrattur, Galea Cleaning Solutions Maltasabiex isiru kollezzjonijiet addizjonali kif ukoll dwar il-problema li għad hemm fuq il-kondominjums.

19.6.67 Il-kwotazzjoni ppreżentata ġiet approvata mill-membri preżenti u għal din il-laqgħa ser tkun qed tiġi mressqa lid-Direttur Ġenerali tal-Gvern Lokali għall-approvazzjoni tas-Segretarju Permanenti.

19.6.68 Aġġornament dwar dan jingħata fil-laqgħa li jmiss.

- *CIR AKL 2023/025 – Joining the PES Group campaign #SafePlace4Women*

19.6.69 Il-President għamel referenza għal din iċ-Ċirkulari li kienet intbagħtet mill-AKL fejn il-Kunsilli Lokali u Reġjonali kienu qed jiġu mitluba sabiex jingħaqdu f'din il-kampanja billi jaddottaw din ir-resoluzzjoni.

19.6.70 Il-membri preżenti approvaw sabiex din ir-rizoluzzjonu tiġi ffirmata minn dan ir-Reġjun.

- *Rapporti amministrattivi mill-Maniġers Reġjonali*

19.6.71 Il-President għamel referenza għal tliet rapporti amministrattivi li kienu ġew ippreparati mill-Maniġer ta' l-Ambjent, is-Sa Andrea Borg Brincat, mill-Maniġer responsabbli mill-*Waste Collection*, is-Sur Ryan Zammit, u mill-Maniġer tal-Proġetti, is-Sur Kurt Camilleri. Hu spejga kif dawn ir-rapporti kienu mibgħuta minn qabel lill-membri u b'hekk qed jiġu kkunsidrata bħala moqrija.

19.6.72 Wara li nżammet diskussjoni mill-membri dwar ix-xogħol li qed isir minn dawn il-maniġers u ġie deċiż li fil-laqgħat tar-Reġjun għandhom jibdew jattendu l-Maniġers u jgħatu rendikont ta' xqed isir minn naħa tagħhom.

19.6.73 Ġie propost ukoll sabiex fil-laqgħa tar-Reġjun li jmiss l-ewwel maniġer ikun dak tal-proġetti.

- *Sinjali edukattivi għall-ħaxix selvaġġ f'soft areas*

19.6.74 Il-President ressaq fuq il-mejda proposta li kienet qed issir f'isem l-Uffiċjal ta' l-Ambjent, is-Sa Andrea Borg Brincat, sabiex isiru tabelli differenti (<80cm) fejn għandhom jitqiegħdu *f'soft areas* differenti madwar il-lokalitajiet fi ħdan il-Kunsill Reġjonali Lvant. Dawn is-sinjali se jgħinu biex jedukaw lill-pubbliku dwar l-importanza tal-ħaxix selvaġġ u li m'għandux jiġi mneħħi matul il-perjodu (1 t'Ottubru – 30 t' April) speċifiku tas-sena, peress li dan hu ekosistema għalih. Is-sinjali se jkun fihom lil Sam, karattru unisex, u lil ħabibtu Nina n-Naħla.

19.6.75 Il-President spjega kif din l-idea ħarġet wara li kien hemm kampanja simili għaddejja mill-Kunsillier ġewwa l-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ u kif fuq l-approvazzjoni mingħand dan il-Kunsill dan il-kunċett għandu jiġi implimentat f'dan ir-Reġjun.

- *Xogħol fl-Uffiċċju Amministrattiv tar-Reġjun*

19.6.76 Il-President ressaq fuq il-mejda erbgħa kwotazzjoni mingħand l-IT technician sabiex isir l-arranġament neċessarju u wiring adekwat. L-ammont totali jitla għal **€6,557.03**

- *Għamara fl-Uffiċċju Amministrattiv*

19.6.77 Il-President ressaq fuq il-mejda kwotazzjonijiet miġbura sabiex tinxtara mejda ġdida għall-uffiċċju tas-Segretarju Eżekuttiv.

19.6.78 Il-membri preżenti approvaw l-orħos kwotazzjoni ppreżentata minn OFICI bl-ammont ta' €1,973.65.

- *European Week of Regions and Cities 2023*

19.6.79 Il-President informa lill-membri b'komunikazzjoni li dan ir-Reġjun kien irċieva mingħand l-AKL dwar dan ġewwa Brussel bejn it-9 u t-12 t'Ottubru 2023.

19.6.80 Is-Sur Chircop ippropona sabiex bħala Reġjun din l-opportunità għandha tingħata lil żewġ Sindki/ rappreżentanti u Segretarju Eżekuttiv fi ħdan ir-Reġjun.

19.6.81 Kien hemm qbil sabiex dan ir-Reġjun jieħu ħsieb il-ħlas tal-biljetti ta' l-ajru ta' dawn it-tliet persuni pero s-*subsistance allowance* għandha tiġi mħalsa mill-Kunsill Lokali rispettiv u t-tliet rappreżentanti għandhom ikunu minn tliet Kunsilli Lokali differenti.

- Kwotazzjonijiet marbuta mal-proġett - *Regional Treasure Hunt*

19.6.82 B'referenza ma' dan il-proġett, il-President ressaq fuq il-mejda diversi kwotazzjonijiet sabiex jinxtraw kpiepel, jiġi pprintjat il-passaport, jinxtraw *tote bags, flixkien u* Badges, u jsir filmat qasir ta' erbgħin minuta fejn jiġi spjegat dan il-proġett.

19.6.83 Il-membri preżenti approvaw l-orħos kwotazzjonijiet għal kull oġġett ppreżentat.

## 19.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

19.9.1 Il-President ressaq fuq il-mejda l-iskeda ta' pagamenti għall-approvazzjoni tal-membri preżenti.

19.9.2 Il-Viċi Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Clayton Luke Mula, sekondat mis-Sindku ta' l-Imsida, is-Sa Margaret Baldacchino Cefai sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Numru 16A u 16B.

19.9.3 Il-mozzjoni għaddiet *nem.com.*

## 19.10 Mozzjonijiet

19.10.1 Il-President informa lill-membri preżenti li ma kien hemm l-ebda mozzjoni x'tiġi diskussa f'din il-laqgħa.

## 19.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

19.11.1 Il-laqgħa intemmet fis-20:10 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 22 ta' Mejju 2023, fil-17:30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum it-Tnejn 22 ta' Mejju, 2023.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Anthony Chircop | Jeanette Galea |
| President | Segretarju Eżekuttiv |